MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 367/2011

Kawza fil-lista: 11

**A B**
**vs**
**C vs C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettiet u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-18 ta’ April 1971 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal llum maggjorenni;

Illi l-partijiet huma legalment separati b’ kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Ruben Casisngena fit-3 ta’ Dicembru 2007 ;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal aktar minn erba’ snin, u m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom; u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li biha kkonfermat il-fatt kontenuti fir-rikors, u talbet sabiex izzomm il-kunjom “B”; u wkoll ikkonfermat li r-rikorrent qed ihallas lilha l-manteniment skond il-kuntratt;

Rat l-att tal-kawza;

Semghet lill-konvenut bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; tawtorizza lill-konvenuta tkompli tuza l-kunjom “B”; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------